**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru 606/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs**

**AB**

**Illum 11 ta' Diċembru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra AB:

Akkużat talli nhar il-21 ta' Ġunju 2021 ġewwa l-Ħamrun;

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' CD f'periklu ċar volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe' offiża ta' natura ħafifa fuq is-sieħba tiegħu l-istess CD u dana fil-prezenza tal-minuri EF, GH u IJ, u hekk kif iċċertifikata minn Dr Ryan Falzon (Med Reg 4320) miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana;

2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tal-minuri GH f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe'

offiża ta' natura ħafifa fuq l-istess minuri GH li tiġi t-tifla tas-sieħba tiegħu CD u fil-preżenza taż-żewġ minuri oħra EF u IJ, u hekk kif iċċertifikaha Dr. Ryan Falzon (Med Reg 4320) miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana;

U iktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi:

3. Ħebb għas-sieħba tiegħu CD u għal bintha l-miuri GH sabiex jinġurjahom, iddejjaqhom jew jagħmlilhom ħsara b'xi mod;

4. Insulenta, hedded, jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lis-sieħba CD u lil bintha l-minuri GH;

5. Għamel inġurji jew thedded mhux imsemmija band'oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

6. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provvizjorja imposti fuqu b'digriet datat 7 ta' Ottubru 2004 mill-Qorti ta' Malta presduta ta' dak in-nhar Maġistrat Dr Tonio Micallef Trigona LL.D. u li permezz tiegħu ingħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet marbuta b'somma bħala garanziji personali;

7. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provviżorja imposti fuqu b'digriet datat 28 ta' Frar 2020 mill-Qorti ta' Malta preseduta ta' dakinhar Maġistrat Dr. Charmaine Galea LL.D. u li permezz tiegħu ingħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet marbuta b'somma bħala garanziji personali;

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi AB u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni inkluża fil-mori tal-kawża kontra AB a benefiċċju ta' CD u IJ u l-familjari tagħhom u dan fit-termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għall-persuni ta' AB u GH u l-familjari tagħhom jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil AB b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt

penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imsemmi AB sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti u cioe':

1. Dok AM1 – personal details form ta' l-imputat;
2. Dok AM2 – estratt taċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat;
3. Dok AM3 – fedina penali ta' l-imputat;
4. Dok AM4 – rapport tal-pulizija datat 22 ta' Ġunju 2021;
5. Dok AM5 – rapport tad-Domestiv Violence Unit tal-Aġenzija Appoġġ;
6. Dok AM6 – dikjarazzjoni ta' CD sabiex jittieħdu r-ritratti tagħha u ta' bintha GH;
7. Dok AM7 – ċertifikat mediku ta' CD;
8. Dok AM8 – ċertifikat mediku ta' GH;
9. Dok AM 9 – digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 28 ta' Frar 2020;
10. Dok AM10- digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 7 t'Ottubru 2004;
11. Dok AM 11 – nota ta' l-ispettur Audrey Micallef li biha infurmat lill-Maġistrat ta' l-għassa li l-imputat ġie arrestat;
12. Dok AM 12 – Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali;
13. Dok AM 13 – CD kontenenti l-istqarrija ta' l-imputat bis-sistema audio visual;
14. Tlett ritratti immarkati Dok AM1, Dok AM2 u Dok AM 3;

Semgħet ix-xhieda;

Rat l-atti kolljha tal-kawża u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-difiża jitrattaw;

Rat li l-kawża tinsab differita għas-sentenza għal-lum;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-uniċi persuni li xehdu f'din il-kawża humwa l-Ispettur Audrey Micallef, PC 2160 Nicholette Grech li ikkonfermat l-okkorenza u Jean Taliana u Tracy Baldacchino li huma s-social workers li irrediġu r-risk assessment report.

Xehed ukoll it-tabib Dr Ryan Falzon li ikkonferma li l-grieħi li sofriet CD huma ta' natura ħafifa. Xehdet ukoll Rebecca Bonnici in rappreżentanza tac-Child Protection Services li ħadet il-verżjoni ta' x'ġara dak in-nhar ta' l-inċident mill-minuri GH.

**Ikkunsidrat:**

Illi minkejja li l-Prosekuzzjoni ħarrket lil CD u GH dawn għażlu li ma jixhdux stante l-parentela li hemm ma' l-imputat.

Illi l-Qorti tqis, hekk kif issottmettiet id-difiża fit-trattazzjoni finali tagħha li l-ebda wieħed mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni ma kienu xhieda okulari. Dawn ix-xhieda fil-maġġor parti tagħhom huma persuni li involvew ruħħhom wara l-allegat inċident u t-tagħrif tagħhom dwar l-akkadut irċevewh mingħand l-allegati vittmi u dan wara li huma irrikorrew l-Għassa tal-Pulizija. Din ix-xhieda hija għalhekk xhieda fuq kliem ħaddieħor, l-ammissibilita' ta' liema hija regolata mil-liġi u mertu ta' ġurisprudenza.

**Ikkunsidrat:**

L-artikoli tal-liġi relevanti dwar xhieda fuq kliem ħaddieħor huma l-Artikoli 598 u 599 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif reżi applikabbli għall-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta bl-Artikolu 645 tal-istess. L-Artikolu 598 tal-Kap. 12 jgħid hekk:

*(1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.*

*(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.*

*3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.*

Hawnhekk issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-24 ta' Ottubru 2011, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** fejn ingħad hekk:

*"Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:*

*"'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'*

*"F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu l-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja[1]). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:*

*"'Fil-limiti tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorrenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 ta' April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mis-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri)."*

Fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Ġunju 2012, fl-istess ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"18. … Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra. Huma għal dawn irraġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża a priori iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li*

[1] Deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju 2005

*jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont iċ-cirkostanzi li fihom jiżvolġi lġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess. .....”*

Illi għaldaqstant tenut kont tal-prinċipji suesposti, fid-dawl tal-fatt illi CD u GH baqgħu ma xehdux f'dawn il-proċeduri, il-Qorti tqis illi in kwantu dirett sabiex jagħmel prova tal-kontenut tiegħu, il-kliem li qalu l-istess CD u GH lill-Uffiċjali tal-Pulizija, kif rapportat minnhom, jikkostitwixxi hearsay evidence u għalhekk huwa inammissibbli bħala prova tal-veraċita` tiegħu. Dan ifisser illi minkejja li jirriżulta ppruvat illi CD sofriet ġrieħi dakinhar tal-21 ta' Ġunju 2021, li skont ix-xhieda ta' Dr Ryan Falzon kienu ħfief, ma jirriżultawx provi li a bażi tagħhom il-Qorti tista' ssib lill-imputat ħati talli kkaġuna dawk l-istess ġrieħi, jew talli ħebb għaliha jew għal GH jew talli inġurjhom jew heddidhom, jew inkella talli kiser il-bon-ordni u l-paċi pubblika, u wisq inqas talli kiser il-kundizzjonijiet għal-ħelsin mill-arrest.

Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis illi l-imputazzjonijiet odjerni ma ġewx ippruvati fil-grad li trid il-liġi, u għalhekk se tgħaddi sabiex tillibera lill-imputat minn kull ħtija u piena dwar l-istess.

**Decide:**

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti mhux qed issib lill-imputat AB ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu, u qegħda tilliberah minn kull ħtija u piena.**

**Inoltre tordna d-divjet tal-publikazzjoni ta' l-ismijiet ta' l-imputat AB, ta' CD u ta' GH u sabiex tiġi protetta l-identita' ta' l-istess C.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Reġistratur**